

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RIŻOLUZZJONIJIET

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

IS-86 SESSJONI PLENARJA FIL-5 U S-6 TA' OTTUBRU 2010

Riżoluzzjoni dwar "Is-Summit dwar il-Klima ta' Cancún il-kontribuzzjoni tal-KTR għall-UNFCCC (COP 16) tad-29 ta' Novembru sal-10 ta' Diċembru 2010"

(2011/C 15/01)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Dwar il-bżonn urġenti li l-UE tagħmel iktar progress fuq l-aġenda tat-tibdil tal-klima globali

1. Ifakkar fl-impenn tiegħu ddikjarat fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar is-**summit ta' Kopenhagen** dwar it-**Tibdil fil-Klima**, adottata waqt is-Sessjoni Plenarja tal-KtR f'Ġunju 2009.

2. Isostni mill-ġdid l-appoġġ sħiħ tiegħu għal **ftehim internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima** li għandu l-għan li jillimita t-tisħin globali għal mhux aktar minn 2 gradi Celsius sal-2012;

3. Jiddispaċiħ li minkejja **l-attenzjoni li qed tingħata fid-dinja kollha lill-kwistjoni tat-tibdil fil-klima** u t-tħassib ambjentali li kien hemm fix-xhur qabel is-Summit ta' Kopenhagen, il-ftehim li rriżulta naqas milli jilħaq l-aspettattivi għoljin ta' firxa wiesgħa ta' partijiet interessati importanti fil-politika dwar it-tibdil fil-klima madwar l-UE, inklużi l-awtoritajiet lokali u reġjonali;

4. Japprova l-isforzi tal-Kummissjoni Ewropea biex jiġi assigurat **ftehim internazzjonalment vinkolanti dwar it-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra** u jsejjaħ lill-UE biex titkellem b'leħen wieħed u determinat fil-UNFCCC COP 16 f'Cancún, b'konformità mal-ispirtu u l-kuntest tat-Trattat ta' Lisbona, biex b'hekk terġa' tiegħu rwol ta' tmexxija fin-negozjati internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima;

5. Jirrikonoxxi li l-oġġettivi tal-UE dwar it-tibdil fil-klima jistgħu jintlaħqu biss jekk, fuq naħa, **tnaqqis futur fl-emissjo-**

nijiet jiġi distribwit b'mod ġust mal-komunità internazzjonali kollha, b'konsiderazzjoni dovuta għall-kapaċitajiet u l-punti tat-tluq differenti tal-pajjiżi u r-reġjuni, u fuq in-naħa l-oħra, jiġi stabbilit kunsens globali għal azzjoni deċiżiva appoġġjata minn standards bażiċi komuni għal monitoraġġ, rappurtaġġ u verifika regolari (MRV);

6. Jirrikonoxxi l-bżonn li jsir iktar progress fl-UE fil-qasam tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, li jibqgħu jiġu **stabbiliti oġġettivi ambizzjużi** u li jiġu appoġġjati u promossi s-suċċessi fl-implimentazzjoni tagħhom, b'mod speċjali fil-livell lokali u reġjonali, u jsejjaħ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jadattaw u jsaħħu l-istrateġija tagħhom għal politika dwar il-klima tal-UE f'każ li ma jkun mistenni l-ebda trattat internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima;

7. Jittama b'mod speċjali li jsir **ftehim dwar l-arkitektura neċessarja** għal kwistjonijiet bħall-adattament, il-mitigazzjoni, il-finanzjament, it-tnaqqis tal-emissjonijiet mid-deforestazzjoni (REDD), it-tnaqqis fit-trasport internazzjonali bl-ajru u dak marittimu, l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ġodda għas-suq tal-karbonju kif ukoll l-appoġġ għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw u dawk li huma l-inqas żviluppatti li qed jintlaqtu l-iżjed mit-tibdil fil-klima;

Ir-rwol kruċjali tal-awtoritajiet lokali u reġjonali

8. Ittenu l-impenn determinat tiegħu **għall-oġġettivi 20-20-20 tal-UE** u jhegġegħ lil-livelli sottonazzjonali kollha tal-gvernijiet fid-dinja biex jinvestu fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, iżidu l-għarfien tal-pubbliku, jimmobilizzaw l-appoġġ politiku tal-pubbliku, l-investment fin-negozju u s-sorsi ta' finanzjament, u jimmotivaw lill-produtturi u l-konsumaturi biex ibiddlu l-imġieba tagħhom sabiex ikollna iktar effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u ekonomija li ma tkunx ta' ħsara għall-klima;

9. Jenfasizzza li **"Patt Territorjali** tal-Awtoritajiet Regionali u Lokali dwar l-Istrateġija Ewropa 2020", kif propost mill-KtR, jista' jservi ta' għodda importanti ħafna fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima billi l-oġġettivi ta' "Ewropa effiċjenti fl-użu tar-riżorsi" jistgħu jintlaħqu b'mod effettiv biss permezz ta' sħubija mill-qrib bejn il-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali tal-gvern fuq il-bażi tal-prinċipju tas-sussidjarjetà;

10. Jinsab lest li jgħolli **l-mira għal 30 %** jekk jiġu rrispettati ċerti kundizzjonijiet;

11. Jinnota li l-Kummissjoni analizzat il-possibilitajiet għat-tnaqqis **b'iktar minn 20 %** tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra. Il-Kumitat jiddispijaċih li fuq il-bażi ta' dik l-analiżi, il-Kummissjoni tħoss li l-kundizzjonijiet attwali ma jippermettux żjieda unilaterali fl-oġġettiv tal-UE ta' tnaqqis ta' 30 % u li mhijiex, għalissa, taħdem fuq inizjattivi ta' politika oħrajn;

12. Jenfasizza l-isforzi tal-bliet u r-reġjuni madwar l-Ewropa li adottaw strateġiji lokali jew reġjonali dwar il-klima u l-enerġija b'oġġettivi speċifiċi għall-mitigazzjoni tal-klima u li ffirmaw **il-Patt tas-Sindki**, bil-għan li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO₂ b'20 % mill-inqas sas-sena 2020.

13. Iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni Ewropea biex **jinvolvu lill-KtR fil-proċess** li jwassal għall-UNFCCC COP 16 f'Cancún, sabiex jiġi żgurat għarfien sħiħ u xieraq tar-rwol li jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni tal-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima;

Dwar enfasi prijoritarja transsettorjali fir-rigward tat-tħassib dwar it-tibdil fil-klima u l-ekonomija b'użu baxx tal-karbonju

14. Huwa tal-fehma li l-adattament għall-klima u l-mitigazzjoni tagħha għandhom isiru **oġġettiv espliċitu** f'kull qafas ta' politika tal-UE, inklużi l-politiki tal-iżvilupp ambjentali u rurali tal-UE, il-politiki mmirati lejn li tiġi evitata d-deforestazzjoni, it-trasport, il-bijodiversità, il-ġestjoni tal-iskart u l-ilma, u l-programmi ta' finanzjament foqma bħall-politika tal-UE ta' koeżjoni, dik industrijali u agrikola u l-politika tal-UE tal-koo-perazzjoni fl-iżvilupp;

15. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex iżżomm l-impenn tagħha fir-rigward ta' **pakkett komprensiv tat-trasport u t-tibdil fil-klima** u jfakkar li l-inklużjoni tat-trasport bl-ajru u fuq il-baħar f'sistema globali tal-iskambju tal-emissjonijiet tkun pass importanti 'l quddiem biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju; jemma li dan il-pakkett għandu jkoll il-qagħda partikolari tal-gżejjer u tar-reġjuni ultraperiferiċi, li tant huma dipendenti fuq it-trasport bl-ajru u dak marittimu, sabiex jinkiseb bilanċ bejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ u l-ispejjeż enormi li jirriżultaw mill-adozzjoni ta' miżuri għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima f'dawn ir-reġjuni;

16. Huwa tal-fehma li sabiex issir l-iktar reġjun li jirrispetta l-ambjent fid-dinja, l-UE, fuq il-bażi tal-Istrateġija UE 2020 għat-ktabbir sostenibbli, għandha tnedi proġetti speċifiċi li jappoġġjaw il-bidla għal **ekonomija b'użu baxx tal-karbonju**;

17. Jaħseb li l-politika tal-enerġija tal-UE trid tipprovdi spinta deċiżiva għall-**innovazzjoni fil-qasam tal-użu baxx tal-karbonju u l-effiċjenza enerġetika**, biex b'hekk jiġi żgurat li l-innovazzjoni, l-effiċjenza enerġetika u l-użu bikri ta' teknoloġiji

għodda jikkonsolidaw ir-rwol ta' tmexxija tal-qasam tan-negozju Ewropew f'setturi ewlenin tal-ekonomija "ħadra";

18. Ifakkar li ser ikun hemm b'żonn ta' **investiment qawwi** fis-setturi tal-industrija, tat-trasport u tad-djar u fil-bini pubbliku u kummerċjali sabiex tiġi ffrankata l-enerġija b'konformità mal-oġġettivi 20-20-20 tal-UE;

19. Jemma li taxxa fuq il-karbonju, jew forma ta' taxxa diretta fuq l-emissjonijiet, tista' tkun għodda utli kemm fil-ħolqien ta' inċentivi għall-użu ta' inqas enerġija u enerġija aktar nadifa, kif ukoll fil-ġenerazzjoni tar-riżorsi finanzjarji meħtieġa sabiex jitwettqu l-bidliet meħtieġa għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima;

20. Għaldaqstant jissuġġerixxi li jinħolqu **strumenti ġodda** bħala linji prijoritarji fil-Fondi Strutturali jew bħala Fond tal-Investment fl-Enerġija separat;

21. Huwa konvint li l-bidla għal ekonomija b'użu baxx tal-karbonju trid issir b'mod **soċjalment responsabbli u vijabbli ekonomikament** billi jinżammu u jekk ikun hemm b'żonn jiġu adattati l-impjeggi attwali, flimkien mal-impjeggi "ħodor" ġodda li huma mistennija li jinħolqu;

22. Jirrakkomanda **sħubijiet strateġiċi bejn il-pubbliku u l-privat** bħal alleanzi bejn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-awtoritajiet lokali u reġjonali, bil-għan li jiġu żviluppati u applikati aktar teknoloġiji b'użu baxx tal-karbonju u jistieden lir-reġjuni u l-bliet jikkonkludu pattijiet lokali ta' azzjoni rigward il-klima bejn l-imsieħba pubbliċi u privati, li jistabbilixxu miżuri konkreti ta' azzjoni rigward il-klima sabiex jintlaħaq l-għan 20-20-20;

Nibnu tmexxija globali tal-UE fir-rigward tal-klima: governanza fuq ħafna livelli u s-saħħa baġitarja f'idejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali

23. Jenfasizza li azzjoni effettiva tal-UE kontra t-tibdil fil-klima tesiġi **koordinazzjoni tal-isforzi** bejn il-livell governattiv lokali, reġjonali, nazzjonali, Ewropew u globali;

24. Jenfasizza l-importanza li jitqies ir-rwol tal-gvernijiet reġjonali u lokali fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. F'dan ir-rigward, u waqt li jiġi applikat il-prinċipju tas-sussidjarjetà, nenasizzaw il-b'żonn li jitqiesu dawn il-livelli ta' gvern peress li fost il-poteri tagħhom hemm it-tħejjija ta' pjani ta' mitigazzjoni, adattar u attivitajiet oħra fil-livell reġjonali u lokali li huma ta' importanza kbira fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima;

25. Jinnota li billi **ż-żoni urbani** jipproduċu 75 % tal-emissjonijiet tal-karbonju, il-bliet huma fuq quddiem fil-ġlieda tagħna kontra t-tibdil fil-klima u jirrimarka dwar il-fatt li n-nuqqas ta' qbil f'Kopenhagen fuq miri vinkolanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra jiffa fuq spallejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali responsabbiltà partikolarment kbira biex iwettqu azzjoni deċiżiva u urġenti fl-avangwardja tal-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu. **Il-Patt tas-Sindki** huwa pass importanti fid-direzzjoni t-tajba;

26. Jenfasizza li l-viżjoni tal-UE dwar **sinerġiji tal-ekonomija ħadra u l-politiki dwar it-tibdil fil-klima** tista' tispira l-bqija tad-dinja jekk il-potenzjal tal-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġi rikonoxxut bis-sħiħ u anke jitqawwa;

27. Jenfasizza li tali viżjoni għandha tinkludi **firxa integrata u innovattiva ta' miżuri** fit-trasport, il-konstruzzjoni u l-ġenerazzjoni tal-enerġija, li jirrappreżentaw rivoluzzjoni industrijali ġdida li tinvolvi d-djar individwali fil-produzzjoni tal-enerġija;

28. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Kunsill biex iniedu mill-ġdid **tmexxija fit-tul u kredibbli tal-UE** fil-proċess globali tat-tiswir tal-politika dwar it-tibdil fil-klima billi jiġu żviluppatti u msaħħa l-ħiliet, il-kapaċitajiet u l-istituzzjonijiet lokali, sottonazzjonali, nazzjonali jew reġjonali, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea biex tippromovi dan l-approċċ fir-relazzjonijiet tagħha mal-imsieħba globali;

29. Għandu fiduċja qawwija fil-potenzjal tal-awtoritajiet lokali u reġjonali Ewropej biex jikkontribwixxu għat-**tmexxija globali tal-UE** li bis-saħħa tagħha tagħti eżempju lill-oħrajn biex isegwuha u għaldaqstant jinsab ħerqan biex jaġixxi fuq il-**Memorandum ta' Fehim mal-Konferenza tas-Sindki tal-Istati Uniti**, sabiex jiġi żgurati li l-muniċipalitajiet Ewropej u tal-Istati Uniti jakkwistaw riżultati konkreti fil-qasam tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih;

30. Jirrakkomanda bil-qawwa li jiġu organizzati **sessjonijiet ta' taħriġ** għall-awtoritajiet lokali u reġjonali dwar kif għandhom jindirizzaw it-tibdil fil-klima fil-livell l-iktar bażiku, kif ukoll **kampanji ta' tqajjim tal-kuxjenza** dwar it-tibdil fil-klima mmexxija għaċ-ċittadini;

31. Jirrakkomanda bil-qawwa li ssir enfasi partikulari fuq l-inklużjoni b'mod prijoritarju tat-tibdil fil-klima fil-**baġit fil-livelli kollha ta' governanza**, u għal dan il-għan:

- a) itenni li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jridu jingħataw mill-iktar fis possibbli l-**għodod Ewropej adatti** biex jappoġġjaw l-isforzi lokali u reġjonali fl-indirizzar tal-kwistjoni tat-tibdil fil-klima. Għandhom jiġu adattati l-kundizzjonijiet qafas nazzjonali għall-fondi u l-finanzjament, u l-aċċess għal self mill-Bank Ewropew tal-Investment għandu jiġi ffaċilitat;
- b) jinnota li l-kriżi finanzjarja reċenti titfa' pressjoni addizzjonali fuq il-baġits muniċipali. Għaldaqstant jenfasizza l-utilità ta' **sussidji u inċentivi** mfassla sew għall-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jippromovu l-effiċjenza enerġetika, politiki tal-enerġija sostenibbli, u proġetti tal-enerġija rinnovabbli; isejjaħ għat-tisħiħ tal-**programm Enerġija Intelliġenti fl-Ewropa**, filwaqt li dan jitfassal aħjar sabiex jissodisfa l-esiġenzi li kulma jmur qed jevolvu tal-awtoritajiet lokali u reġjonali;
- c) għar-**reviżjoni baġitarja tal-UE** li jmiss, jirrakkomanda li l-isfidi tat-tibdil fil-klima jingħataw **prijorità transversali** fi ħdan l-iskemi ta' finanzjament attwali, bħall-fondi strutturali, il-PAK u l-Programmi Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku;

d) jissuġġerixxi li proporzjon sostanzjali tad-**dħul** mis-sistema Ewropea ta' skambju tal-emissjonijiet għandu jkun disponibbli għall-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jimplementaw fil-livell lokali miżuri għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, u jissuġġerixxi li l-**finanzi** mis-suq internazzjonali tal-karbonju jintużaw ukoll biex jiġu appoġġjati proġetti f'pajjiżi li qed jiżviluppaw;

e) ifakkar fir-rwol importanti li jaqdu l-**Fondi Strutturali tal-UE** fit-tnaqqis tad-differenzi u biex jippermettu lir-reġjuni li jibbenefikaw mit-trinità ta' riċerka, innovazzjoni u investment intelliġenti sabiex jiġu kkoreġuti l-ineffiċjenzi strutturali;

L-awtoritajiet lokali u reġjonali jsejħu għal involviment u sħubija globali fuq l-aġenda dwar it-tibdil fil-klima

32. Isejjaħ biex jiġu promossi u żviluppatti l-**attivitajiet ta' sħubija** tal-Istati Membri tal-UE mal-awtoritajiet lokali u reġjonali f'pajjiżi emerġenti u li qed jiżviluppaw, u f'dan il-kuntest iħeġġeġ lill-awtoritajiet lokali u reġjonali Ewropej biex jibnu fuq l-**acquis** disponibbli ta' **kooperazzjoni deċentralizzata** u jespanduh sabiex jaħdmu ma' awtoritajiet sottonazzjonali f'dawk ir-reġjuni tad-dinja li għadhom qed jiżviluppaw u sabiex titqajjem kuxjenza, isir skambju tal-aqwa Prattika, trasferiment tat-teknoloġija u jiġi żgurati li l-impennji finanzjarji li saru f'Kopenhagen jiġu investiti b'mod effettiv;

33. Jaħseb li hemm b'żonn ta' **konverġenza akbar** fil-livelli internazzjonali u nazzjonali fl-isforzi biex jiġu indirizzati t-tibdil fil-klima u t-telfien tal-bijodiversità b'mod li jingħata appoġġ reċiproku, biex b'hekk isir l-aħjar użu mill-opportunitajiet fil-proċessi globali li għaddejjin fi ħdan il-Konvenzjonijiet Internazzjonali;

34. Isejjaħ lill-UE biex tappoġġja l-inklużjoni addizzjonali ta' approċċi msejsa fl-ekosistema fi ħdan il-**finanzjament tal-UNFCCC**, inkluż il-programm tan-NU għal Tnaqqis fl-Emissjonijiet mid-Deforestazzjoni u d-Degradazzjoni (REDD/REDD+), biex b'hekk dan il-programm ikun jista' jitwessa' iktar biex ikopri mhux biss il-**foresti**, iżda wkoll ekosistemi oħrajn bħall-**artijiet mistagħdra**;

35. Itenni l-impenn tiegħu biex jintlaħaq **ftehim internazzjonalment vinkolanti** u jinsisti li l-gvernijiet nazzjonali se jkun jistgħu jillhqu l-miri tagħhom biss bl-**involviment attiv tal-awtoritajiet lokali u reġjonali**;

36. Jagħti struzzjonijiet lill-president tiegħu biex **iressaq din ir-riżoluzzjoni** lill-President tal-Kunsill Ewropew, lill-Presidenza Belġjana tal-UE, lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, kif ukoll lill-UNFCCC.

Brussell, 6 ta' Ottubru 2010.

*Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
Mercedes BRESSO*